*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,863, 10 ta' Jannar, 2006*
*Taqsima B*

**A.L. 9 ta' l-2006**

## ATT DWAR IL-KARTI TA' L-IDENTITÀ
## (KAP. 258)

### Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti ta' l-Identità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti ta' l-Identità, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti ta' l-Identità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1996.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Il-'proviso' li hemm fil-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:–

"Iżda, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2006, kull karta ta' l-identità maħruġa wara l-15 ta' Jannar 2002 u qabel l-1 ta' Jannar 2006 li tiskadi qabel il-31 ta' Diċembru 2006 għandha, minkejja d-data ta' l-iskadenza murija fuq il-karta ta' l-identità bħal dik, tibqa' hekk valida sal-31 ta' Diċembru 2006 u dik il-karta ta' l-identità ma għandhiex titqies li tkun skadiet qabel il-31 ta' Diċembru 2006.".

**L.N. 9 of 2006**

## IDENTITY CARD ACT
## (CAP. 258)

## Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2006

IN exercise of the powers conferred by article 13 of the Identity Card Act, the Prime Minister has made the following regulations:–

Citation.

**1.** These regulations may be cited as the Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2006 and shall be read and construed as one with the Identity Cards (Issue and Validity) Regulations, 1996 hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 47 of 1996.

Amends regulation 3 of the principal regulations.

**2.** The proviso in paragraph (1) of regulation 3 of the principal regulations shall be substituted with the following:–

> "Provided that, with effect from the 1st of January 2006, any identity card issued after the 15th of January 2002 and prior to the 1st of January 2006 which expires before the 31st of December 2006 shall, notwithstanding the expiry date appearing on such identity card, remain valid up to the 31st December 2006 and such identity card shall not be deemed to have expired before the 31st December 2006.".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 4ċ – *Price 4c*